MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 90/2012

**Carmel Mifsud u Dr Joseph Grech li fis-6 ta' Dicembru 2012 assuma l-atti tal-kawza ghan-nom ta' Carmel Mifsud li fil-prezent jinsab imsiefer**

**vs**

**Direttur Registru Pubbliku**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu gie premess is-segwenti:-

Illi l-isem l-attur huwa Carmel u dana kif jirrizulta bic-car mill-kopja ta' passaport malti antik tieghu stess Dok A u minn certifikat tat-twelid tieghu stess antik markat bhala Dok B;

Illi jirrizulta illi fic-certifikat tat-twelid tieghu mahrug permezz tal-computer l-isem tieghu fil-kolonna Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha tnizzel erronjament bhala Anthony u mhux bhala Carmel kif suppost u dana kif jirrizulta mid-Dokument hawn anness u markat bhala Dok C;

Ghalhekk ir-rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex:

i. Tordna l-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tieghu bin-numru progressiv tliet mija u disgha u hamsin tas-sena elf disa' mija u tmienja u tletin (359/1938) billi fil-kolonna Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha l-isem jinbidel minn Anthony kif erronjament indikat ghal Carmel.

U dan sabiex jigu evitati kumplikazzjonijiet legali li jistghu jinqalghu aktar 'l quddiem minhabba din l-iskorrettezza;

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa huwa ngunt.

Rat ir-risposta tad-Direttur Registru Pubbliku li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi r-rikorrenti mhux korrett meta jippremetti illi isem ir-rikorrenti tnizzel erronjament bhala Anthony fuq ic-certifikat mahrug 'mill-computer tar-Registru Pubbliku' f'dokument 'C' esebit mir-rikorrenti flimkien mar-rikors tieghu stante l-fatt li dak id-dokument jirrifletti bl-ezatt dak miktub bl-idejn fic-certifikat esebit mir-rikorrenti bhala dokument 'B'. Infatti c-certifikat kif mahrug jirrifletti ezattament l-informazzjoni registrata fir-Registru Pubbliku mat-twelid tar-rikorrenti;

2. Illi nonostante, l-esponenti mhux qieghed jopponi ghat-talba tar-rikorrenti biex fil-kolonna Isem jew Ismijiet illi Bih it-Tarbija ghandha tigi Msejha, isem ir-rikorrenti jitnizzel bhala Carmel flok Anthony, pero' l-bazi tat-talba ghall-emenda fic-certifikat tat-twelid ma tistax tkun korrezzjoni ta' zball ai termini ta' l-artikolu 235(1) tal-Kodici Civili izda ghar-registrazzjoni tal-isem illi bih ir-rikorrenti huwa

komunament maghruf minflok l-isem irregistrat fuq l-att tat-twelid u dan ai termini ta’ l-artikolu 235(2) tal-Kodici Civili.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jirrimetti ruhu ghas-salv gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;

4. Illi nonostanti u peress illi din il-kawza ma saritx necessarja minhabba xi zball da parti tad-Direttur Registru Pubbliku, l-esponenti m’ghandux ibati l-ispejjez tal-istanti.

Bl-ispejjez.

Rat li saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif tikkontempla l-ligi.

Rat il-verbal tallum stess.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

It-talba tar-rikorrenti tirrizulta fondata u dan a bazi tad-dokumenti prezentati mill-istess rikorrenti msemmija fir-rikors promotur u minnha esebiti.

Jirrizulta li m’hemm l-ebda opposizzjoni ghat-talba mressqa mill-intimat.

Tqis ukoll pero’ li ma jidhirx li dan irrizulta minhabba xi zball li huwa mputabbli lill-konvenut b’xi mod.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet attrici u dan billi :

Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkoregi c-certifikat tat-twelid bin-numru progressiv tliet mija u disgha u hamsin tas-sena elf disa’ mija u tmienja u tletin (359/1938) billi fil-kolonna Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-

tarbija ghandha tigi msejha l-isem jinbidel minn Anthony ghal Carmel.

Spejjez a karigu tar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------